# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 6**

**Appell Nru. 306/93**

**Il-Pulizija (Spettur Hugh Camilleri u Carmelo Cauchi)**

**vs**

**Louis Mallia, omissis, Vincent Camilleri u Oswald Caruana**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Settembru, 1993, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni migbura minnha fuq akkuzi migjuba mill-Pulizija kontra l-imputati hawn fuq imsemmijabilli talli fl-1 ta'

April, 1990, wara nofs in-nhar fl-Istadium Nazzjonali ta' Qali u fi bnadi ohra f'Ta' Qali

(a) hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew iktar migburin bi hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienetx giet imxewxa minn xi hadd in partikolari, liema reat fil-fatt sar;
(b) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' diversi persuni u l-Malta Football Association, liema hsara ta' aktar minn Lm50;
(c) ingurjaw, heddew u ghamlu offizi fuq membri tal-korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu, jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
(d) qabzu c-cint jew il-barriera li ddawwar il-pitch u dahlu fil-post fejn kien qed isir il-loghob meta ma kienux l-ufficjali, il-persuni li kienu qeghdin jiehdu sehem fil-loghba jew dawk awtorizzati mill-awtoritajiet jew assocjazzjoni li taht l-awspici taghha l-loghba jew il-loghob kien qed isir jew mill-management tal-ground;
(e) heddew persuni ohra b'gebel jew oggetti ohra u tefghu gebel jew oggetti ohra fuq il-post fejn kien qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta' l-isports;
(f) waqt li kienu fil-ground ta' l-isports jew kienu hierga minn hemm uzaw kliem offensiv u wrew imgieba abuziva;

Barra minn hekk Louis Mallia u John Grixti huma meqjusa li saru recidivi billi b'sentenza li kienet saret definittiva tad-19 ta' Novembru, 1987, u 20 ta' Gunju, 1988, rispettivament, kienu gew ikkundannati ghal reat;

Rat l-att tar-rinviju ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' Marzu, 1993, li bih billi deherlu illi mill-Kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija tista' tinsab htija (jew htijiet) taht dawk li hemm mahsub kontra Jonathan sive John Anthony Galea, John Spiteri, Edward Scerri, Victor Vella, Jason Tabone, Anthony Pace, Warren Cremona, Dominic Spagnol, Joseph Cuschieri, Carmel sive Carmelo Ciantar, Marco Camilleri, Emanuel Montanaro, Mario Antonelli, David Sciberras, Oswald Caruana, Paul Farrugia, George Tabone, Lawrence Camilleri, Joseph Spiteri, Vincent Camilleri, Emanuel Camilleri, Stephen sive Stephen Paul Busuttil;
Fl-artikoli 28(2)(b) tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 325 tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 95(1), 249, 252, 221(1) tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 249, 252, 221(1) tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 339(1)(c)(d)(e), 338(bb) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Fl-artikoli 5, 7, 9 ta' l-A.L. 88/78;

Kontra Louis Mallia u John Grixti:

Fl-artikolu 68(2)(b) tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 95(1), 249, 252, 221(1) tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 249, 252, 221(1) tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 339(1)(c)(d)(e), 338(bb) u 535 tal-Kodici Kriminali;
Fl-artikoli 5, 7, 9 ta' l-A.L. 88/78;
Fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali;

Baghat lura ma' dana l-att lil din il-Qorti l-atti tal-Kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti f'nuqqas ta' l-oggezzjoni ta' l-imputati skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(c)(e) tal-Kodici Kriminali tiddeciedi fuq l-akkuza ta' din il-htija jew htijiet, jew f'kaz ta' oggezzjoni tipprocedi skond l-artikolu 370(3)(d)(e) ta' l-imsemmi kodici.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi fit-termini ta' l-att tar-rinviju fuq imsemmi moqri lill-imputati dawna jinsabu addebitati bi hsara volontarja, gemgha ta' nies kontra l-ligi, theddid kontra ufficjali tal-Pulizija u kontra l-privat, ingurja, offizi hfief, kontravenzjonijiet u ksur tad-disposizzjonijet ta' l-Avviz Legali 88/78;

Ir-rizulta mill-provi illi fl-1 ta' April, 1990 go l-istadium Nazzjonali ta' Ta' Qali kienet qeghda ssir il-loghba bejn il-Belt u l-Hamrun. Waqt din il-loghba saru xi incidenti, tant li l-loghob kellu jigi sospiz u meta spiccat saru xi ncidenti ohra li kienu jinkludu tfiegh ta' gebel lejn il-partitarji tal-Hamrun. Kien hemm xi nies u pulizija li wegghu hafif u saret ukoll hsara volontarja li taqbez l-elf lira kemm fuq il-proprjeta' tal-Malta Football Association kif ukoll erbatax-il vettura li kienu pparkjati fil-grounds ta' l-istadium. F'dawn l-irvellijiet kien hemm invazjoni tal-ground mill-partitarji tal-Belt minghajr ma kienu hekk awtorizzati u kien ghalhekk li kellu jigi sospiz il-loghob u hekk gara wkoll wara l-loghba.

Jinghad mill-bidu nett li ghad li dan il-process hu pjuttost voluminuz il-provi kontra l-imputati mhux daqshekk ezawriti u addirittura kontra xi whud minnhom ma hemm assolutament xejn u ghalhekk ikun opportun li l-Qorti tiddisponi minn dawn l-ewwel.

L-imputati li ghalihom qeghda ssir din ir-riferenza huma Joseph Cuschieri, Carmel sive Carmelo Ciantar, Emanuel Motanaro, David Sciberras u Stephen (Stephen Paul) Busuttil. Kontra dawn ma rrizulta xejn u ghalhekk filwaqt illi tiddikjarahom mhux hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom tordna l-liberazzjoni taghhom.

Rigward l-imputati l-ohra, kif gia inghad, il-provi m'humiex ezawriti xejn u zgur li ma jistax jinghad li l-ewwel tlett kapi gew b'xi mod ippruvati fil-konfront ta' xi hadd minnhom.

L-ewwel akkuza hija dik li hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar migburin bi hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn xi hadd partikolari, liema reat fil-fatt sar. Din l-akkuza taqa' taht l-artikolu 68(a)(b) tal-Kap 9 u ghandha bhala l-element taghha t-tehid ta' parti attiva f'gemgha, maghmula minn ghaxar persuni jew aktar u t-tielet bl-iskop li jigi kommess reat. L-ewwel zewg elementi huma sa certu punt ippruvati peress illi l-imputati ammettew li kienu Ta' Qali fl-istadium jaraw il-loghba ta' dakinhar, kien hemm eluf ta' nies, izda ma jistax jinghad li dawna kienu hemm bl-iskop li jikkommettu reat. Dan zgur li ma giex ippruvat u taht l-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni ma jista' jigi prezunt li gemgha ta' nies tara partita football qeghda hemm bl-iskop li tikkommetti reat. Veru li f'dan il-kaz, inqalghu incidenti serji fejn wegghu xi nies u saret hsara volontarja, izda dan x'aktarx kien l-operat ta' individwu u mhux ta' xi gemgha bl-iskop li jiksru l-ligi. Din l-ewwel akkuza ghalhekk ma gietx ippruvata u l-imputati ma jistghux jigu addebitati biha.

It-tieni akkuza hija dik ta' hsara volontarja. Irrizulta mill-atti li saret hsara volontarja ta' eluf kbar ta' liri lill-proprjeta' tal-Malta Football Association, fuq karozzi tal-privat, u buses tal-pulizija, izda ma giex ippruvat li ta' dawn kien responsabbli xi hadd mill-imputati u dan il-kap ghalhekk ma rrizultax.

It-tielet akkuza hija dik li ngurjaw, hedddew u ghamlu offizi fuq membri tal-Korp tal-Pulizija. Irrizulta li f'dawn l-incidenti kien hemm xi pulizija li wegghu hafif u hadd minnhom ma allega li gie ngurjat jew mhedded. Fi kwalunkwe kaz, l-aggressur ma setghax jigi identifikat u kontra l-imputati ma hemm xejn.

Rigward il-bqija ta' l-akkuzi l-kwistjoni hi daqxejn differenti.

Ir-raba' akkuza hija dik li qabzu c-cint jew il-barrieta li ddawwar il-pitch u dahlu fil-post fejn kien qed isir il-loghob meta ma kienux hekk awtorizzati.

Ikkunsidrat:

Illi a fol. 135 is-Supretendent Joseph Rizzo konfortat minn P.S. 589 Anthony Deguara (fol. 300), xehed li gharaf lil Victor Vella, Jonathan Galea, John Grixti, u Oswald Caruana fil-granet waqt il-loghba waqt illi l-imputati l-ohra li ma gewx gja illiberati qalu fl-istqarrijiet taghhom li huma nvadew il-ground wara l-loghba biex jifirhu mal-players tat-team taghhom.

L-element principali ta' din ir-raba' akkuza huwa l-invazjoni tal-ground fejn kien qed isir il-loghob, li din il-Qorti tifhem waqt il-loghba u mhux wara li tkun spiccat. Irrizulta li fil-fatt il-loghba kellha tigi sospiza minhabba tali invazjoni u ma hemmx dubbju li kien hemm numru kbir ta' partitarji fil-pitch, izda l-unika nies li gew identifikati f'dan l-istadju huma dawk imsemmija mis-Supretendent Rizzo. Veru li fil-process hemm hafna ritratti b'nies, xi uhud minnhom imputati fil-pitch izda ma nghadx jekk dana kien waqt il-loghba jew wara. Probabilment, dan sar wara l-loghba ghax players ma jidhru mkien u kien f'dan l-istadju li saru l-aktar incidenti serji. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li din l-akkuza giet ippruvata biss fil-konfront ta' l-imputati Victor Vella, Jonathan Galea, John Grixti u Oswald Caruana.

Il-hames akkuza hi dik ta' theddid u tfiegh ta'gebel.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi li wara l-imsemmija loghba xi uhud mill-partitarji tal-Belt avvicinaw il-partitarji tal-Hamrun u gew mifugha xi gebel. L-unika mputati pero', li jistghu jigu addebitati b'dan ir-reat huma Oswald Caruana u George Tabone. Dak ta' l-ewwel gie identifikat mis-Supretendent Charles Galea (fol 128) li rah jixhed il-gebel lejn tal-Hamrun u gharfu ghax suppost kellu impediment li ma jersaqx lejn il-ground, mentri dak ta' l-ahhar GeorgeTabone ammetta fl-istqarrija (fol 136) li hu qabez fil-pitch wara li spiccat il-loghba u tefa' gebel lejn il-Hamrun. Jidher fil-fatt qed jaghmel hekk fir-ritratt numru 55 fl-envelope a fol 138. Dina l-akkuza ghalhekk hija ppruvata fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputati biss.

Is-sitt akkuza hija dik li waqt li l-imputati kienu fil-ground ta' l-isports jew kienu hierga min hemm uzaw kliem offensiv u wrew imgieba abbuziva. Din l-akkuza hija koperta bl-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 88 ta' l-1988.

Ikkunsidrat:

Illi l-imgieba abuziva msemmija f'dik l-akkuza tinkludi wkoll imgieba aggressiva da parti ta' xi partitarju li jkun jinghad x'jifhem li abbuz ser javvera ruhu jekk ma jigix imrazzan. Din it-tip ta' mgieba tidher car li kienet f'xi uhud mill-imputati u dana mir-ritratti li hemm esebiti.

Dawn l-imputati huma Victor Vella li jidher f'posizzjoni ferm aggressiva b'zokk twil f'idejh; Vincent Camilleri li fir-ritratt Dok MB1 numru 47 jidher qed jitmashan sew b'numru ta' partitarji mdawwrin mieghu jippruvaw jikkalmawh waqt li donnu ried javvicina l-Hamrun side; u Paul Farrugia li fir-ritratt a fol 212 jidher f'posizzjoni aggressiva mdawwar bil-partitarji u pulizija. Ma hemmx dubbju li dawn it-tlett imputati qeghdin juru mgieba abuziva skond id-dispost ta' l-artikolu msemmi u li taghha ghandhom jinsabu responsabbli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, filwaqt li tillibera lil Louis Mallia, John Spiteri, Edward Scerri, Jason Tabone, Anthony Pace, Warren Cremona, Dominic Spagnol, Marco Camilleri, Mario Antonelli, Paul Farrugia, Joseph Spiteri u Emanuel Camilleri minn kull imputazzjoni u htija; wara li rat l-artikoli 5, 7 u 9 ta' l-A.L. 88/78 u l-artikolu 339(1)(c) tal-Kodici Kriminali ssib lil Victor Vella hati tar-raba' u s-sitt akkuzi kif dedotti fil-bidu ta' din is-sentenza; lil Oswald Caruana hati tar-raba' u l-hames akkuzi; lil Jonathan Galea u John Grixti hatjin tar-raba' akkuza; u lil Vincent Camilleri hati tas-sitt akkuza u tikkundanna lil Victor Vella u Oswald Caruana multa ta' Lm300 kull wiehed u lil Jonathan Galea, John Grixti, GeorgeTabone u Vincent Camilleri multa ta' Lm200 kull wiehed. Tipprojbixxi lil dawn l-imputati milli jattendu f'xi ground ta' l-isports ghal perijodu ta' sena mil-liema zmien ghandu jitnaqqas kwalunkwe terminu li l-imputati ghamlu inibiti milli jersqu lejn xi ground ta' l-isports fil-pendenza ta' dawn il-proceduri. Tordna wkoll wara li rat l-art 533 tal-Kap 9 li l-imputati hekk misjuba hatja ghandhom ihallsu solidalment bejniethom l-ispejjez kollha ta' l-esperti mahtura f'dan il-kaz".

Minn dik l-istess sentenza appellaw biss Vincent Camilleri u Oswald Caruana permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fis-17 ta' Settembru, 1993, b'liema rikors talbu kif gej:-

1. Li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza minnhom appellata f'dik il-parti biss fejn dik l-istess Qorti ta' Prim'Istanza illiberat lil Vincent Camilleri, appellant, mill-ewwel hames akkuzi, u f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant l-iehor, Oswald Caruana, mill-ewwel, it-tieni u t-tielet u s-sitt akkuzi;

2. Li din il-Qorti joghgobha fil-konfront ta' l-appellant Vincent Camilleri tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tas-sitt akkuza u minnha tilliberah;

3. Li din il-Qorti joghgobha fil-konfront ta' l-appellant Oswald Caruana tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tar-raba' u l-hames akkuzi u minnhom tilliberah jew tirriforma s-sentenza billi tnehhi l-multa mposta fuqu jew tnaqqasha sostanzjalment;

4. Li din il-Qorti joghgobha tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-appellanti jhallsu, flimkien ma' l-akkuzati l-ohra li jinstabu hatja, u solidalment bejniethom, l-ispejjez kollha ta' l-esperti mahtura f'dan il-kaz;

5. Fl-ahhar nett tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija taghha.

Ikkonsidrat:-

Illi din il-Qorti ser tibda l-ewwel bl-appell ta' Vincent Spiteri.

L-appellant Vincent Spiteri jissottometti li huwa kien fil-ground jghajjat u jaqbez jifrah bir-rebh tal-league da parti tat-team tal-Belt Valletta, u l-ebda ritratt, lanqas id-dokument MB1 a fol. 47 tal-process wahdu ma hu bizzejjed biex hu jista' jinstab hati tas-sitt akkuza.

Fil-fatt, jissottometti dan l-appellant, kien, skond l-ewwel Qorti, "illi fir-ritratt MB1, Nru. 47, jidher jitmashan sew b'numru ta' partitarji mdawwrin mieghu jippruvaw jikkalmawh waqt li donnu ried javvicina l-Hamrun side".

Hu jispejga li hija fuq din il-prova li l-ewwel Qorti sabitu hati tas-sitt akkuza, cioe', li waqt illi l-imputati kienu fil-ground Ta' Qali, jew kienu hierga minn hemm, wzaw kliem offenziv u wrew imgieba abuziva bi ksur ta' l-Art .7 ta' l-Avviz Legali 88/1978.

L-appellant Camilleri jissottometti wkoll illi l-kliem "donnu ried javvicina l-Hamrun side" gia jikkonferma li minn ritratt l-ebda Qorti ma setghet tohrog il-prova b'mod li ma thallix dubju dettat mir-raguni. Huwa jissottometti wkoll li mir-ritratt imsemmi huwa mpossibbli tiddecifra liema huma l-Hamrun u l-Valletta sides.

Huwa jikkonkludi li kien ikun differenti li kieku tela' jixhed il-persuna li hadet ir-ritratti biex tghid x'kien qed jaghmel l-appellant u l-persuni l-ohra li jidhru fir-ritratt rilevanti, minn fejn giet, fejn marret jew fejn kienet tidher li sejra, u x'kienet qed tghid. Ir-ritratt invece ma jistax jigi kontro-ezaminat, min hadu ma giex prodott u m'hemmx il-prova sufficjenti.

Ikkonsidrat fuq dan l-appell ta' Vincent Camilleri – Li din il-Qorti ezaminat l-atti kopjuzi li hemm kif ukoll il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u jidhrilha li hu l-kaz li taqbel mas-sottomissjoni msemmija. Jidher li, kif qed jigi sottomess, huwa instab hati ta' mgieba abuziva bi ksur ta' l-Avviz Legali msemmija biss unikament fuq il-bazi tar-ritratt li hemm deskritt fis-sentenza appellata. Pero', din il-Qorti ma jidhrilhiex li r-ritratt jaghti informazzjoni bizzejjed biex, abbazi taghha, hija thossha serena tikkondividi l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Ir-ritratt wahdu huwa ambigwu u mhux necessarjament jirrifletti dak li osservat l-ewwel Qorti u ghalhekk hemm dubju ragonevoli li din il-Qorti sejra taghtih a beneficcju ta' l-appellant.

Ikkonsidrat:-

Ser jigi konsidrat issa l-appell ta' Oswald Caruana.

Dan l-appellant jissottometti fl-ewwel lok li hu ma kienx Ta' Qali u dan jirrizulta anke mill-istess statement tieghu u jahseb illi bil-fors s-Supretendent Rizzo m'gharfux jew gharaf lil haddiehor floku, u f'dan is-sens bilfors li kien hemm zball ta' identifikazzjoni. Fuq dan l-izball huwa jikkontendi li m'ghandux jinstab hati. Imbaghad ghandu sottomissjonjiet ohra rigwardanti l-prassi li jghid li hemm, fil-Ground Ta' Qali, fejn meta jintrebah il-league, dejjem u fi kwalunkwe kaz, ikollok invazjoni tal-Ground. Dana bla pregudizzju ghas-sottomissjoni tieghu li hu ma kienx hemm.

Imbaghad jissottometti wkoll illi fi kwalunkwe kaz, m'hemmx il-prova ta' dak li tieghu gie misjub hati.

Fil-kaz ta' dan l-appellant, din il-Qorti tahsibha differenti mill-mod kif hasbitha fil-kaz ta' l-appellant l-iehor. Hija thossha sodisfatta illi ma hemmx bizzejjed biex tiddubita fuq ix-xhieda tas-Supretendent Joseph Rizzo u xhieda ohra li kkonfortawh u li fost il-persuni li identifika fl-invazjoni tal-ground <u>waqt</u> il-loghba, hemm ukoll l-appellant Oswald

Caruana. L-istess din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tiddubita dwar il-konkluzzjoni l-ohra ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward ta’ l-akkuzi l-ohra li taghhom instab hati l-istess appellant Caruana.

L-appellanti ghandhom ukoll aggravju finali li bih jissottomettu li ma kellhomx jigu ordnati li jhallsu solidalment bejniethom ma’ l-akkuzati l-ohra misjuba hatja l-ispejjez kollha ta’ l-esperti nominati f’dan il-kaz. Huma jissottomettu fir-rigward li l-esperti li l-esperti li gew imqabbda kienu principalment esperti dwar il-hsarat u esperti tal-fingerprints u dawn in konessjoni ma’ l-akkuza tal-hsara volontarja. Minn dawn l-akkuzi l-imputati kollha gew illiberati u ghalhekk huma m'ghandhomx jigu mgeghla jhallsu l-ispejjez ta’ dawn l-esperti, li ghalhekk jirrizulta li kienu gew nominati inutilment u meta l-prosekuzzjoni ma kellha assolutament ebda prova ohra li tghaqqadhom ma’ dak ir-reat li minnu gew liberati.

Din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa fondat. Minn ezami ta’ l-atti processwali jidrilha li n-nomini ta’ l-esperti u r-relazzjonijiet rilevanti ma kellhomx x’jaqsmu mar-reati li taghhom instab hati Oswald Caruana, imma ma reati ohra li hu u imputati ohra gew liberati minnhom.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi miz-zewg appelli kif gej u, cioe’, billi:-

1. Fl-ewwel lok tilqa' l-appell ta' l-appellant Vincent Camilleri billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li gej u, cioe', tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u lliberatu minn akkuzi dedotti kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha kull fejn sabitu hati u kkundannatu ghal multa ta' Lm200 (mitejn lira) u pprojbietu milli jattendi f'xi ground ta' l-isport ghal perjodu ta' sena, u inkwantu ordnatlu wkoll ihallas solidalment ma' l-imputati l-ohra misjuba hatja l-ispejjez kollha ta' l-esperti mahtura f'dan il-kaz, u dan fit-termini ta' l-art. 533 tal-Kap 9, u minflok tilliberah minn dawn l-akkuzi wkoll billi tiddikjarah mhux hati taghhom

2. Tiddisponi mill-appell ta' Oswald Caruana billi tilqghu biss in kwantu dirett ghall-applikazzjoni ta' l-art. 533 tal-Kap 9 u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ordnatlu ihallas solidalment ma' l-imputati l-ohra l-ispejjez kollha ta' l-esperti mahtura f'dan il-kaz, pero' tikkonferma l-istess sentenza fil-kumplament kollu taghha, inkluza l-projbizzjoni li jattendi f'xi ground ta' l-isports ghal perjodu ta' sena, liema projbizzjoni tibda topera mil-lum u b'dan pero' li minn kif stabbilit bl-ewwel Qorti, minn dan it-terminu ta' sena, ghandu jitnaqqas kwalunkwe terminu li fih jirrizulta li huwa kien inibit milli jersaq lejn xi ground ta' l-isport fil-vertenza ta' dawn il-proceduri.

Dep/Reg mm